# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, 18 ta' Mejju, 2022

Avviz tat-Talba numru: 279/2021 CL

It-Tribunal;

## RJV Consult Limited (C19987) u B'Digriet tal-24 ta' Novembru 2021 gie awtorrizat il-kjamat fil-kawza tal-istralcatarju Antonio Grech

## VERSUS

## Fast Arrows Holding Ltd [C83433)

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-1 ta' Ottubru, 2021 fejn is-socjeta attrici talbet illi is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas l-ammont ta' seba' mija u tmien Ewro (€708), rapprezentanti servizzi professjonali li fost ohrajn jinkludu co*rporate services* li hejjiet s-socjet attrici kif kienet rikjesta mios-socjeta konvenuta. Is-socjeta attrici bghatet fattura tas-servizzi[1] li kien jinkludi €500 rapprezentanti tali gew provduti b'ufficju registrat ghal perjodu minn Novembru 2000 sa Ottubru 2021 u €100 talli ippreparaw l-*annual return* ghal MBR li jammontaw ghal €708 bil-vat inkluz. Minkejja diversu interpellazjonijiet ghal-hlas dan baqa' ma thallasx. Intalab ukoll l-ispejjez u imghax legali mid-data li fiha gie rez is-servizz sad-data tal-pagament effetiv.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher personalment (jew tramite rapprezentant tieghu) ghas-smigh ta' dan il-procediment,

[1] Dok 1 a foll 4

biex issehh kontestazzjoni tat-talba tas-socjeta attrici. Ghalhekk, il-konvenut waqa' fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra illi gieipprezentat rikors mis-socjeta attrici flimkien ma' dokumenti annessi, fejn inffurmaw it-Tribunal illi s-socjeta kovenuta kienet ser tigi stralcjata b'mod volontarju u ghalhekk talbet sabiex jigi kjamat fil-kawza l-istralcatarju u t-Tribunal laqa' din it-talba. Fit-2 ta' Frar 2022 deher l-istralcatarju, Antonio Grech, li iddikjara illi hu kien irrizenja minn stralcatarju b'effett mill 14 ta' Jannar 2022 u ipprezenta kopja tad-dokument tar-rizenja li kien ipprezenta lil MBR. Fit-28 ta' Frar 2022, xehdet rapprezentant tal MBR li ipprezentat numru ta' dokumenti li l-MBR kellhom fil-pussess taghhom tas-socjeta konvenuta[2].

It-Tribunal innota illi mid-data ta' meta s-socjeta konvenuta giet nnotifikata kien hemm hames seduti[3] u qatt ma deher rapprezentant tas-socjeta konvenuta jew rapprezentant legali taghha. Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Fl-udjenza tas-27 ta' April, 2022, it-Tribunal sema' lil Ray Vella bhala rapprezentat tas-socjeta attrici jiddikjara illi s-socjeta konvenuta ma kienet ghamlet ebda hlas u l-ammont kien ghadu kollu dovut. Gie ipprezentant kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta. Fis-seduta ta' wara, li kienet fit-2 ta' Mejju 2022, ma deher hadd ghas-socjeta konvenuta. Peress li l-konvenuta naqset milli tirregistra dehera biex twiegeb ghal tali kapitolu, fid-dawl ta' tali omissjoni, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut. Ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a)Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda.*"

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista' jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal- konvenut*,"

Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti.It-Tribunal sema' lil rapprezentat tas-socjeta attrici jixhed u ra li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mir-rapprezentant tas-socjeta attrici m'ghandux mis-sewwa u ghalhekk it-Tribunal ma jarax ghalfejn m'ghandux jitwemmen.

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta attrici huwa dovut.

[2] Immarkati bhala Dok CD1
[3] 1 ta' Dicembru 2021, 2 ta' Frar 2022, 28 ta' Frar 2021, 27 ta'April 2022 u 2 ta' Mejju 2022

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' seba' mija u tmien Ewro (EUR708) bl-imgħax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri huma a kariku tas-socjeta konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**